C/2025/6052

7.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11974 — VANDEMOORTELE / DELIFRANCE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6052)

1. Fit-30 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-grupp Vandemoortele ("Vandemoortele") (il-Belġju),

— Délifrance S.A. ("Délifrance") (Franza).

Vandemoortele se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Délifrance.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— L-impriża Vandemoortele hija manifattur u fornitur globali ta' soluzzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq il-pjanti, inklużi xaħmijiet, zlazi, marġerini u żjut, kif ukoll prodotti tal-forn iffriżati,

— Délifrance hija manifattur u fornitur globali ta' prodotti tal-forn iffriżati, kif ukoll ċerti prodotti ppakkjati għall-konsumatur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11974 — VANDEMOORTELE / DELIFRANCE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea/European Commission
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni/Directorate-General for Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").